# “San Nikola tal-Pjazza” Jagħlaq 275 Sena

kitba ta' Joseph Schembri



Din is-sena jaħbat għeluq il-275 sena li ttellgħet l-istatwa ta' San Nikola f'nofs il-pjazza tar-Raħal tagħna. Kienet is-sena 1732, meta l-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Salv Tabone u l-Prokuratur tal-Knisja Dun Nikola Zarb flimkien mal-poplu tas-Siġġiewi waqqfu din l-istatwa kbira tal-ġebel ta' San Nikola.

Ħarsa lura lejn is-sena 1732, tfakkarna fit-twaqqif ta' din l-istatwa storika u folkloristika ta' San Nikola. L-istatwa hija skolpita fuq żewġ ġebliet kbar. Jingħad li dawn il-ġebliet kbar inqatgħu minn għalqa li għadha sa llum magħrufa bħala, *L-Għalqa ta' San Nikola*. Minn fejn inqatgħu dawn il-ġebliet wara għamluh bir, u dan qiegħed fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi, kantuniera int u nieżel mal-lemin fi Triq Wied Xkora.[1]

Din l-istatwa nħadmet mill-iskultur Qormi *Maestro Pietro*; dan kien Pietru Felici. Kien xieraq ħafna li ftit snin ilu triq ġdida fis-Siġġiewi ssemmiet għalih. Huwa kien tħallas is-somma ta' 70 skud (Lm5.80). Il-pedestall ta' l-istatwa ħadmu Ġużeppi Fabri li kien tħallas is-somma ta' 15-il skud (Lm1.25).[2]

Minn żmien għal żmien fuq din l-istatwa u l-pedestall saret xi ħidma ta' restawr, b'mod volontarju. Ix-xogħol ta' restawr illum kollu jsir mill-Għaqda Wirt is-Siġġiewi u s-Sur Twanny Pace. Fl-1997 kien sar restawr minn Salvatore Dimech ta' l-*Art and Crafts School* ta' Tarġa Gap taħt it-tmexxija tas-Surmast is-Sur Joe Grima u l-iskultur is-Sur Angelo Agius. Dan ix-xogħol ta' restawr kien sar b'ħidma mill-Kunsill Lokali u s-Sur Emanuel Micallef li dak iż-żmien kien kunsillier. Għalhekk xieraq li nuru l-apprezzament tagħna għal dak kollu li missirijietna ħallewlna b'xhieda ta' l-għożża li kellhom lejn il-patrun tagħhom u tagħna San Nikola.

Meta f'Mejju 1983, l-Għaqda Wirt is-Siġġiewi u s-Sur Twanny Pace, kienu qegħdin jagħmlu xogħol ta' restawr, ħadu l-qisien ta' l-istatwa u tal-pedestall kif jidhru hawn:

- It-tul ta' l-istatwa mill-ponta tal-mitra sas-saqajn huwa ta' 13-il pied (3.95 metri);
- Il-ktieb, fih tul 1 pied u 4 pulzieri (40ċm);
- Id-dawra ta' rasu fiha 3 piedi u 11-il pulzier (1.19 metri);
- Id-dawra ta' ħobża waħda fiha 9 pulzieri (23ċm);
- Il-pedestall għoli 8 piedi u 10 pulzieri (2.69 metri);
- Id-dawra tond fiha 39 pied (11.85 metri);
- Id-dawra tond ta' isfel (fejn joqogħdu n-nies bilqiegħda) fiha 100 pied (30.76 metri).[3]

Ma' l-istatwa nsibu erba' lapidi miktubin bil-Latin. Dawn huma:

### 1. Quddiem

*Tu Dextra Campis Benedic Tu Frange Sinistra,*
*Tres Populo Panes Quos Nicolae Tenes,*
*Sic Et Enim Validum Sibi Rura Tutamen Habebunt*
*Sic Inopi Turbae Dulce Levamen Erit*

(Bil-Malti)
"Nikola, b'idek il-leminija bierek ir-raba'.
Bix-xellug qassam it-tliet ħobżiet li qed iżżomm lill-poplu,
B'hekk l-għelieqi tassew ikollhom protezzjoni qawwija;
B'hekk ukoll il-wens ikun ħelu għall-kotra fqajra."

## 2. Lemin

*Si Vigil Excubias Agis Hic Noctuque Dieque*
*Tartareos Hosteos Quis Nicolae Timet?*

(Bil-Malti)
"Jekk hawnhekk bħal għassies lejl u nhar qed tindokra,
min, Nikola, għandu jibża' mill-għadu infernali?"

## 3. Xellug

*Pastor Oves Ducit Ad Caulas Tu Quoque Pastor*
*In Caelum Gregem Duc Nicolae Tuum.*

(Bil-Malti)
"Bħalma r-ragħaj imexxi n-ngħaġ lejn il-maqjel
Int ukoll, Nikola, mexxi l-merħla tiegħek lejn is-sema."

## 4. Fuq Wara

*Cur Hic Siggievi In Medio Nicolae Locaris?*
*Ut Citius Nobis Hinc Dare Possis Opem.*

(Bil-Malti)
"Għaliex hawn f'nofs is-Siġġiewi, Nikola, poġġewk?
Sabiex minn hawn tkun tista' tagħti l-għajnuna b'ħeffa akbar."

Il-Poeta Siġġiewi Patri Ġużeppi Delia S.J. (1900-1980) jgħannilu l-isbaħ versi ħierġa mill-qalb fil-poeżija tiegħu, *Lil San Nikola tal-Pjazza*. F'din il-poeżija jibda billi jitkellem fuq il-kobor ta' l-istatwa ta' San Nikola wieqfa f'nofs il-pjazza qisu r-Ragħaj it-Tajjeb f'nofs il-merħla tiegħu...

*Kemm tidher kbir Nikola, f'nofs il-misraħ,*
*wieqaf, bħal ġgant, biswit il-Knisja tagħna;*
*merfugħ 'il fuq mill-art, sabiex tkun tista',*
*b'ħarstek tħaddalna lkoll u tindukrana.*

*Bħar-Ragħaj it-Tajjeb, int tgħasses fuqna,*
*Għajnejk miftuħa fuq dil-merħla tiegħek...*

Patri Delia jkompli jurina kemm San Nikola huwa qaddis kbir, protettur kif ukoll difensur tagħna u fuq kollox dak li dejjem ħarisna fil-bżonnijiet tagħna. Fost l-oħrajn huwa jtenni hekk:

*Il-karba tal-marid, mifni bl-uġigħ,*
*bil-qawwa tat-talb tiegħek, quddiem Alla;*
*tħoss weġgħa f'qalbek, jekk f'widnejk tasallek,*
*tfarrġu u ssabbru u kull għajnuna ttih...*

Il-poeta jispiċċa hekk, billi jfakkarna li San Nikola dejjem jibqa' magħna:

*U sakemm tibqa' f'nofs il-misraħ wieqaf,*
*sakemm tgħasses narawh fuq id-djar tagħna;*
*m'għandniex għax nibżgħu, qalbna tibqa' sħiħa,*
*għax nafu li inti dejjem tieqaf magħna.*[5]

**Riferenzi:**

[1] Is-Siġġiewi – Ġunju 2002. • [2] Arkivju Kurja Floriana Vol. 65. Item Casal Siggiui. Joseph F. Grima – Il-Vara ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi 1741-1991. • [3] Is-Siġġiewi – Ġunju 1983. • [4] Is-Siġġiewi – Ġunju 1983. • [5] Is-Siġġiewi – Ġunju 1979.